KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tal-ħmistax (15) il-laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**It-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2016 fil-5.30 pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

Skuzata:-

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Brittany Attard | Ambaxxatriċi taz-Żgħażagħ |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tal-erbatax (14) il-laqgħa, tat-Tlieta, 15 ta' Marzu 2016, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti:

a) ***Karnival –*** Saret laqgħa tal-Karnival għal kull min hu nteressat fejn l-aktar punti li ssemmew kienu d-daqs tal-karrijiet il-kbar u anke li fil-Karnival Organizzat is-sound qawwi beda minn kmieni. Issemmew ukoll il-ħmieg fit-toroq u xi ftit vandalizmu. Il-Vici-Sindku issugerixxa li s-Segretarja għandha tkun prezenti għal dawn il-laqgħat biex tieħu l-minuti. Is-Sindku infurmah lil Paul Mercieca hu responsabbli mil-minuti ta' dan is-sotto kumitat tal-karnival. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud ġibdet l-attenzjoni li sa fejn taf hi mhux obbligata li s-segretarja tattendi laqgħat tas-sotto kumitati. Is-Sindku ikkonferma ukoll li din kienet laqgħa għal Pubbliku rigward suggerimenti fuq il-Karnival 2017 u mhux il-laqgħa Pubblika li tinzamm bil-ligi ta' kull sena.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarja Ezekuttiva**

**Data: 12 t'April, 2016**

b) ***Latrina Daħlet Qorrot-*** Peress li kien intbgħat memo no. 34/2015 is-Sindku informa lil kunsilliera li sar kuntatt mad-DLG kif talbet il-kunsilliera Dr. Rita Mifsud. Id-DLG informa lil kunsill bil-miktub li jista jinħareg Direct Order sal-aħħar tas-sena. Is-Sindku issuggerixxa li jibqa' il-kuntrattur li hemm prezenti – Mario Cardona – jieħu ħsieb l-imsemmija latrina u imbgħad toħroġ sejħa għal offerta sal-aħħar tal-2017. Il-kunsilliera prezenti qablu dwar dan.

*c)* ***Fanali Toroq***- Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill kellu jiġbor kwotazzjonijiet għal fanali fejn saru l-ispecifications min Galea and Curmi eng. Il-kunsill tagħlab lil erbgħa kumpaniji biex jagħtu kwotazzjoni fuq dawn li kienu ESS, Nexos, Camray u Econetique. Zewġ kumpaniji biss kienu interessati li kienu Econetique u ESS. Il-kunsilliera prezenti qablu li jinxtraw mingħand iz-zewġ kumpaniji li taw il-kwotazzjoni. Is-Sindku qal li r-Reġjun għandu l-ħsieb li tinħareg offerta waħda għal fanali u kull kunsill imbgħad jixtri min l-istess *supplier.* Is-Sindku informa lil kunsilliera li sadanittant il-kunsill jara fejn hemm il-bzonn li bozoz jinbidlu u ngħaddu l-informazzjoni lil kumpanija Galea and Curmi eng.

***d) Knis fl-area ta Grunju u Hida-*** Is-Sindku informa lil kunsilliera li ntbgħat *warning* lil kuntrattur li jiknes dawn l-areas u fl-aħħar xahar ma jidhirx li l-kunsill kellu *complaints.*

***e) Drenagg Triq it-Tigrija***- Is-Sindku informa lil kunsilliera li wara li intbgħatet ittra lil Ministru għal Ghawdex kienu ġew il-ħaddiema fuq il-post jirranġaw il-problema. Il-Viċi -Sindku Eucharist Camillieri qal li xorta għad baqa l-problemi tad-drenaġġ. Il-Kunsill ser jerġgħa jara fuq dan il-kaz.

## 3. Korrispondenza:

| | |
|---|---|
| (5450b) | Cirkulari mid-Dipartiment ta-Sahha dwar iz-Zika Virus. Is-Sindku informa lil kunsilliera biex jekk jafu b'xi ilma qiegħed javzaw lir-residenti b'dan. |
| (5451b) | Notifika mingħand l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 ghal kiri ta' arbli matul il-Karnival fi Triq Dicembru 13. Il-Kunsill ser jghaddi 50 ewro. |
| (5452) | Ittra mingħand Transport Malta dwar rikjesta għal double line quddiem ir-Recycling Skips fi Triq it-Tiġrija. Il-Kunsill qabel fuq dan. |
| (5453) | Invit mingħand il-Parroċċa tal-Qala għal kunċert tal-Għid. |
| (5454) | E-mail mingħand il-Kunsill ta' Għajnsielem dwar possibilta' ta' Ġemellaġġ mal-lokalita' ta' San Palo, qrib ħafna ta' Ruma. |
| (5455) | E-mail mingħand il-Community Workers Foundation dwar l-iskema l-ġdida tal-ħaddiema tal-ETC. |
| (5456) | Ċirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq l-Għaqal id-Dar – April 2016. |
| (5457) | Ittra mingħand Transport Malta fejn tiġi accettata ir-rikjesta li titwaħħal tabella għal reserved parking fil-pjazza għat-tabib tal-Berga. Is-Sindku informa lil kunsilliera li dan ikun biss għal ħin li tkun miftuħa l-berġa. Kien hemm suġġeriment biex din titpoġġa fi Triq ta' Said. |
| (5458) | Case No. 133/16 dwar Dwal fit-Toroq tal-Kunsilli Lokali. |

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarja Ezekuttiva**

**Data: 12 t'April, 2016**

(5459) E-mail mingħand il-Ministeru għal Għawdex fejn tintgħalab informazzjoni fuq barrieri fil-lokalita'.

(5460) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Cultural Tours for Diplomats.

(5461) Ittra mingħand Care Malta dwar Nazzareno Vassallo Award. Il-Kunsill innomina lis-Sinjura Gemma Zammit. Is-Sindku informa lil kunsilliera prezenti li s-Sinjura Zammit informatu li kienet ħadet dan il-premju fil-passat u ma tistax terġgħa tiġi nominata. Hi irringrazzjat lil kunsill.

(5462) E-mail dwar Case No.645/15 – Memo 34/2015 – Kuntratti dwar Latrini Pubblici – Kunsill Lokali Nadur.

(5463) Risposta mill-Kunsill Lokali Nadur ghal PQ 23614.

(5464) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq Dicembru 13 fejn jiġbdu l-attenzjoni rigward il-qisien tal-bars fil-festa peress li l-armar ma jistax jiġi mħarrek jew poġġut go xi bar. Is-Sindku qal li fil-festa mhux ser jitħallew l-istess qisien tal-bars bħal tal-karnival. Il-Vici-Sindku semma xi qisien ta' certi bars fi Triq Dicembru 13. Is-Sindku spjega lil Vici-Sindku li l-armar huwa priorita' fi-festa u l-bars jinbnew skont l-esigenzi. L-għaqda talbet lil kunsill konferma bil-miktub. Il-kunsill qabel fuq dan.

(5465) Ittra mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali bhala konferma għall-Appraisal Bonus tas-Segretarja Ezekuttiva.

(5466) E-mail fuq Case No.72/16 dwar Unaudited Financial Statements.

(5467) Case No. 619/15 – Kjarifika- Memo 33/2015 – dwar ftehim mal-iskemi dwar ġbir ta' skart.

(5468) Ittra mingħand PWC dwar Certification in EU Funds Management.

(5469) Case No. 534/15 dwar Laptops lill-Kunsilli Lokali.

(5470) E-mail mill-Ministeru għal-Għawdex dwar Konferenza Stampa li ser issir – Għawdex Fidi u Tradizzjoni.

(5471) Risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar konferma biex jinhargu l-offerti bil-proceduri ta' qabel.

(5472) Case No. 114/16 dwar Bozoz tar-Regjun Għawdex.

(5473) Talba għal għajnuna finanzjarja minghand is-Socjeta Filarmonika Mnarja għal Kuncert li se jsir fil-Gimgħa Mqaddsa. Kien hemm qbil li dan il-kuncert jitellgħa bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill.

(5474) E-mail mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Onorarja tas-Sindki, President, tal-kumitati Regjonali u President u Membri Eletti tal-Assocjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern lokali.

(5475) Ittra mingħand Environment and Planning Review Tribunal dwar appell fuq il-Belveder fi Triq David Cocco Palmieri. Is-Segretarja informathom li l-kunsill interessat li jattendi.

(5476) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Xoghol fil-komunita għar-residenti tal-Facilita' Korrettiva f'Kordin.

(5477) Case No.135/16 dwar kif jinħareg permess għal WEEE u Skart Goff. Is-Segretarja Kienet prezenti għal laqgħa li saret fuq dan fil-Ministeru għal Għawdex u informat lil kunsilliera prezenti kif ser tibda tinħadem is-sistema l-ġdida.

(5478) Fuljett ta' Għaqda Armar Triq it-Tramuntana li fih jirringrazzjaw lis-Sindku u lill-Kunsill tal-attenzjoni mmedjatata li ħa rigward il-ħofor tal-antarjoli.

(5479) E-mail mid-dipartiment tal-Gvern Lokali fejn fiha javza li l-Kunsilli ser jibqgħu magħluqin nhar Sibt il-Għid.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarja Ezekuttiva**

**Data: 12 t'April, 2016**

(5480) E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern lokali dwar ġemellaġġ ma Isani fi Tbilisi (Georgia).
(5481) Invit mingħand is-Socjeta' Filarmonika Mnarja għal Kuncert li ser isir fid-19 ta' Marzu fit-Teatru MBC.
(5482) PQ no. 23882.
(5483) WEEE Malta rigward talba għal-laqgħa.
(5484) Ittra mingħand is-Segretarja tal-Kumitat ghall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex dwar isem tat-Triq Daħlet ta' Gazaman. Il-Kunsill ser jara għandux informazzjoni fuq dan is-Sur Joe Muscat.
(5485) Ittra rigward tieg fil-bajja ta' Dahlet Qorrot.

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku Edward Said innota xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda li huma Fuel Allowance fuq Ivan Xuereb għal Novembru u Diċembru peress li l-ħaddiem Salvu Xiberras kien sick leave, Zephyr Garage, partecipazzjoni ta' zfin fil-Karnival ta' Annette Portelli, Bulky refuse u pagi. Fost dawn il-kontijiet il-kunsill irċieva ukoll kontijiet ta' Richard Cauchi tas-snin 2014 u 2015. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntrattur jigi mitlub jagħti l-kontijiet fil-ħin minħabba verifika u jagħtina ukoll il-kontijiet minn Jannar sa Marzu 2016. Il-Kunsill qabel li għandu jitħallas tas-sena 2014 għalissa. l-Kunsill approva l-iskeda kollha kemm hi.

## 5. Progetti – UIF Funds u Ohrajn.

Is-Sindku informa lil kunsilliera li hemm 50,000 euro taħt l-Urban Improvement Funds biex jintuzaw f'proġett fin-Nadur. Is-Sindku staqsa lil kunsilliera fejn jistgħu jintuzaw dawn il-fondi u biex jagħtu l-idejat tagħhom. Il-Vici-Sindku Eucharist Camilleri issugerixxa li jsir gym taħt il-gabbana tal-Kunsill u tkun tista' tintuza mill-pubbliku generali. Is-Sindku issuġerixxa outdoor gym fil-belveder fi Triq D.C Palmeri. Is-Sindku issuġġerixxa ukoll li jsir re-embellishment tal-Pjazza Dun Martin Camilleri, bhal pots u siġar li ma jikbirx l-għeruq tagħhom. Il-Vici-Sindku issuġerixxa ukoll dwal mad-djar fil-Pjazzetta u is-Sindku informah li jista' jagħti il-kaz li r-residenti ma jaqblux ma dawn id-dwal. Il-Vici-Sindku Eucharist Camilleri issuġerixxa ukoll il jsir bank fil-pjazza Dun Martin Camilleri b'statwa ta' persuna fuqu u jkun tip ta' attrazzjoni ghat-turisti. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġġerit li jiġi applikat il-Murial li ġie diskuss fil-laqgħa ta' qabel, fi Triq ir-Rabat.

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarja Ezekuttiva**

**Data: 12 t'April, 2016**

## 6. Triq ir-Ramla l-Hamra l-Qadima

Is-Sindku informa lil kunsilliera li skont l-aħħar tenders li kienu inħargu qabel din it-Triq kienet smata li tigi aktar minn 220,000 ewro. Kien hemm suġġeriment li jigi diskuss tender mal-Perit biex tinħareġ tender li x-xogħol jinħadem *in phases.* Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud innotat li għandu jiġi diskuss sew mal-perit biex ma jitlax aktar il-prezz tax-xogħol b'dan il-mod ta' *in phases* peress li ma jkunx hemm kontinwita' fix-xoghol. Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser jitkellem mal-perit fuq dan u izomm il-kunsilliera informati.

## 7. Community Centre

Is-Sindku informa lil kunsilliera li fuq talba tagħhom ġab lil Perit il-kunsill fejn raw il-pjanta u kien hemm prezenti l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u online l-Kunsilliera Dr. Josiane Cutajar. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss jekk il-Community Centre għandux jinqasam bil-partitions jew inkella tkun open area. Rigward it-taraġ u l-lift li hemm f'nofs il-binja fuq il-pjanta ġie diskuss issir fil-ġenb biex b'hekk ma jintilifx aktar wisgħa. Il-Kunsilliera qablu fuq dan u l-pjanta għandha tiġi imressqa għal emendi.

## 8. FECC

Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien avviċinat mis-Segretarju Lars Algell tal-FECC biex nikkunsidraw nospitaw fis-sena 2017 id-delegazzjoni tal-FECC. Is-Sindku kompla jgħid li suppost fis-sena 2017 il-Belt kellhom jospitaw din id-delegazzjoni izda dawn jidhru li qatgħu l-kuntatt u ma ffirmaw qatt il-kuntratt. Is-Sindku qal li hu idduskuta ma ħafna nies li huma involuti sew fl-FECC u mar ukoll mas-Sur Raymond Vella il-Belt biex jgħinu u jinformawhom x'hemm bzonn isir. Is-Sindku kompla jgħid li hu sar jaf li intbgħatet ittra ta' protest fuq il-mod ta' kif qed titmexxa l-FECC. Is-Sindku qara l-ittra lil kunsilliera. Is-Sindku staqsa lil kunsilliera biex tittieħed deċizjoni dwar għandniex nikkunsidraw li nospitaw din id-delegazzjoni. Is-Sindku qal li il-kunsill għandu jieħu deċizjoni fuq il-punti ta' x'ser nigwadanjaw u anke fuq il-fatt li hemm protest. Il-Vici-Sindku Eucharist Camilleri informa lil kunsilliera biex jikkunsidraw ukoll il-fatt tal-finanzi peress li ser ikun hemm ic-Charter fis-sena 2018. Il-Vici-Sindku issuġerixxa li għandhom jiġu mitluba jagħmlu talba formali min-naha tagħhom u tintbgħat ohra min-naha tal-Kunsill b'risposta li mhux qed naċċettaw. Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu fuq dan.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Edward Said** | **Sue-Ellen Bugeja** |
| **Sindku** | **Segretarja Ezekuttiva** |

**Data: 12 t'April, 2016**

**9. Mnarja 2016 u Attivitajiet Oħra**

Is-Sindku issuġerixxa li jkun hemm Sotto Kumitat tal-Festa u li jinzammu l-istess nies li kien hemm is-sena l-oħra. Il-Kunsilliera qablu fuq dan. Is-Sindku informa lil kunsilliera li tkellem mal-Arċipriet rigward id-data tal-ħrug tal-vara. Is-Sindku issuġerixxa li jekk ser toħroġ il-vara fl-istess data tal-Wirja Agrarja, din ma issirx.

Rigward il-Wine Festival is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu l-ewwel meeting ma' Delicata u ġie diskuss biex jiġi ikonfermat sa l-aħħar ta' Mejju l–istands u entertainment.

Is-Sindku issuġgerixxa li l-Gimgħa tal-Kunsill u Maratona isiru gimgha wara San Koronatu, u fuq dan kien hemm qbil.

Is-Sindku issuġerixxa li fil-Gimgħa Kbira jinxtraw figolli bħal kull sena għat-tfal u jitqassmu fil-Pjazza. Kien hemm qbil ukoll fuq dan. Gie deċiz ukoll li fil-purċissjoni jiġu ordnati siġġijiet.

Is-Sindku issuġgerixxa li iċ-Ċenaklu Ħaj li titellgħa fid-Dar Franġisk Grima għandha issir bil-kollaborazzjoni tal-kunsill fl-amount ta' 200ewro. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.

**10. Affarijiet Oħra**

a) ***Air-condition Reception*** – Il-Kunsill ġabar il-kwotazzjonijiet li intbgħatu ukoll lil kunsilliera. Il-Kunsill qabel li għandha tintgħazel l-orħos waħda, dik ta' Econetique ghal prezz ta' 1,503 ewro.

b) ***Drenagg fis-shelter*** - Is-Sindku innota li l-kunsill qed jara fuq dan il-kaz.

c) ***Alex Buttigieg*** – Is-Sindku informa lil kunsilliera li dan il-ħaddiem beda fuq bazi full-time mal-Kunsill bl-iskema *Community Workers Foundation tal-ETC*. Hu kompla jgħid li l-kunsill ser jagħmel uzu minnu għal-knis, indafa tal-monti, tindif ħdejn il-ground u jmur ukoll mal-ħaddiema tal-kunsill skond il-bzonn ta' kuljum.

d) ***Ground*** - Il-Vici-Sindku Eucharist Camilleri issuggerixxa li għandu jitwaħħal railing fit-taraġ tal-ground minħabba raġunijiet ta' sigurta' għat-tfal. Il-Kunsill qabel fuq dan u għandhom jinġabru kwotazzjonijiet. Il-Vici Sindku talab lil Kunsill jikkunsidra li jikkollabora fil-fuljett li jista jigi pubblikat f'kaz li l-klabb jirbah il-kampjonat.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Edward Said**<br>**Sindku** | **Sue-Ellen Bugeja**<br>**Segretarja Ezekuttiva** |

**Data: 12 t'April, 2016**

e) ***Ħarga Anzjani Malta*** – Is-Sindku issuġġerixxa li isir ħarġa f'Malta it-Tnejn 18 t'April. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud ser tkun hemm u imbgħad jiltaqa' magħhom is-Sindku ukoll. Il-Kunsill qabel fuq din il-ħarġa.

f) ***Pjazza San Pietru u San Pawl***- Is-Segretarja bgħatet il-*variations report* lil kunsilliera kollha qabel u dan gie approvat mill-kunsilliera prezenti fil-laqgħa. Rigward il-*planters* l-Pjazza intbgħatet email ukoll lil kunsilliera kollha u ġie deċiz li jinħadmu apposta tal-injam bl-istruttura tal-ħadid madwarha. Waqt il-laqgha tqassmet pjanta tal-imwejjed u siġġijiet tal-pjazza u s-Sindku spjega fid-dettal kif ser tkun imqassma l-Pjazza. Is-Sindku kompla jgħid li din il-pjanta ser tiġi diskussa ukoll mal-ħwienet tal-Pjazza u imbgħad tiġi applikata. Rigward it-tabelli 30km/h is-Sindku informa lil kunsilliera li intbgħatet talba lil TM diga'. Il-Kunsillier Micheal Camilleri staqsa jekk fuq it-totems ser ikun indikat informazzjoni fejn wieħed ikun f'dak il-post partikulari. Is-Sindku informah li daqt ser ikun hemm din l-informazzjoni.

g) ***Mappa tan-Nadur***- Il-kunsilliera prezenti qablu li għandha tiġi imwaħħla mappa tan-Nadur fir-reception area kif ukoll jiġu ordnati flyers.

h) ***Jigger***- Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu suġġeriment mingħand il-ħaddiema biex minflok jinkera jigger jinxtara wieħed. Il-ħaddiema gabru kwotazzjonijiet u l-kunsilliera qablu li għandu jinxtara jigger.

i) ***Live Streaming***- Is-Segretarja bgħatet lil DLG pagamenti li saru ghal refund lil kunsill fuq l-iskema tal-live streaming.

j) ***Belveder Cocco Palmeri-*** Is-Sindku informa lil kunsilliera li ntefgħa d-dawl tal-belvedere mingħajr ma il-kunsill gie mgharraf li kien ser jinqata' d-dawl. Is-Sindku ghamel rapport lil Pulizija peress li l-kaxxa tad-dawl hija propjeta tal-Kunsill u l-kunsill ghamel job order biex jerga jigi mixghul il-belvedere. Il-Familja Vella pprezentaw rikors il-Qorti rigward propjeta ta' terzi persuni u l-kunsill dahal mandat ta' inibizzjoni biex jigi ssalvagwardjat l-istess belvedere.

k) ***Zafferana-*** Is-Sindku informa lil kunsilliera li hu u l-kunsillier Micheal Camilleri gew milqugħa ħafna mis-Sindku ta' Zafferana. Is-Sindku dawwarhom madwar ir-raħal kollu. Is-Sindku tella' prezentazzjoni fuq in-Nadur fejn kienu impressjonati ħafna bl-affarijiet li n-Nadur għandu x'joffri u huma interessati li jagħmlu ħbiberija man-Nadur. Is-Sindku issuggerixxa li jigi mistieden is-Sindku u l-familja tiegħu għal-festa ta' San Pietru u San Pawl. Il-Kunsilliera qablu fuq dan. Is-Sindku issuggerixxa ukoll li ssir exhibition minn Zafferana f'Jum il-Kunsill. Hu issugerixxa ukoll li ssir gita f'Ottubru f'Zafferena u tkun immexxija mis-Sur Charlie Portelli, li jorganizza tours fi Sqallija. Il-Kunsilliera qablu fuq dan ukoll.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Edward Said** | **Sue-Ellen Bugeja** |
| **Sindku** | **Segretarja Ezekuttiva** |

**Data: 12 t'April, 2016**

Is-Sindku informa ukoll li f'Cicciano giet imneħħija l-fontana u issugerixxa li titla' delegazzjoni minn Nadur fejn jerga' jigi mgedded il-gemellagg ta' bejnietna u l-kunsill jagħmel proposta li titpogga lapida hdejn Centro Nadur f'Mejju 2017. Is-Sindku informa li gej ukoll għal l-Imnarja 2016, Carmine Russo u Pietro, il-President ta' Pro Loco. Is-Sindku issuggerixxa li l-Kunsill jipprovdi transport minn l-ajruport ta' Malta sac-Cirkewwa u lura. Il-Kunsill qabel fuq dan.

l) Requests:

- Talba rigward bozza fi Triq Emigranti – din ghandha tistenna.
- Talba għal-Bankina ta 69, Triq Ramla l-Hamra l-Qadima.
- Talba għal-tabella tal-klieb jgħumu Dahlet Qorrot. Il-Kunsill qabel fuq dan.
- Talba mingħand residenti għal sleeping police fi Triq San Blas ħdejn Triq Frangisk Attard. Il-Kunsill ma qabilx ma dan rigward il-fatt li tgħaddi ix-xarabank u li wara li ssir sleeping police ikun hemm hafna complaints.
- Talba mingħand Pierre Grech rigward stand għal ikel fil-Gimgha l-Kbira ħdejn ic-Centu Parrokkjali. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

**11. Data għall-laqgħa oħra**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:15p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 12 ta' April 2016, fil-5.30 p.m.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarja Ezekuttiva**

**Data: 12 t'April, 2016**